3. Declare that the respondent, or either of whom, are occupying the above described portion of land adjacent to the yard of the premises with number 200, number 130, in Triq il-Palma, Paola, illegally and without any valid title at law;

4. Order the respondents, or either of whom, to vacate the land mentioned and this within a short and peremptory period that shall be fixed to them for this purpose.

Saving any right due to the applicant and especially for damages against the respondents

With all costs against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 672/2024AF in the names mentioned above is postponed to 21st April, 2026, at 11.10 a.m.

Notify respondents: Joseph Zammit (264261M), 23, Triq San Ġwann, Victoria, Gozo

Registry of the Superior Courts, today 24th March, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

834

B'digriet tat-23 ta' Marzu, 2026, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex isservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12):

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-27 ta' Novembru, 2025, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C2833) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 23 ta' April, 2026, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

By a decree given on the 23rd March, 2026, by the Civil Court, First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12):

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 27th November, 2025, on the application of Bank of Valletta plc (C2833), Thursday, 23rd April, 2026, at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room Number 78, Nearby the Court Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Il-fond fil-blokka appartamenti bl-isem Block C, Manor Court, internament immarkat bħala Flat wieħed ittra C (1C), fi Triq it-Turisti, fil-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar, formanti parti minn kumpless ta' bini, appartenenti għal terzi, li jinkorpora diversi blokkijiet ta' appartamenti u ħwienet u garaxxijiet sottostanti, kollha adjaċenti, konsistenti f'garaxxijiet fil-livell ta' basement u ħwienet sovrapost fl-ewwel sular (groundfloor) u appartamenti sovraposti, u liema appartament jinsab fit-tieni sular (first floor level) tal-istess blokka, bil-bieb prinċipali tal-komun b'aċċess dirett mill-istess triq, u jinkludi l-użu tal-partijiet komuni tal-blokka, fosthom l-entrata, l-entratura, it-taraġ, it-tromba tat-taraġ, l-indani, ix-xaft, il-lift, eskluż il-bejt flimkien mas-servitujiet fuq il-btieħi interni, il-bieb ta' barra, id-drenaġġ u s-sistemi tal-ilma u ta' ġbir tax-xita u jgawdi d-dritt li s-sid jinstalla tank tal-ilma u aerial u/jew antenna fuq il-bejt tal-penthouse. Is-sistema tad-drenaġġ u s-sistema tal-ġbir tal-ilma tax-xita huma komuni għal blokka kollha u jgħaddu mill-proprjetajiet sottostanti u jgawdi d-dritt tal-aċċess għall-istess sistemi f'sigħat raġjonevoli, għal tiswija u manuntenzjoni tal-istess u huwa suġġett u jgawdi għas-servitujiet oħra li jirriżultaw mill-pożizzjoni tiegħu. Il-fond ma jinkludix l-arja imma l-proprjetarji għandhom aċċess għal manutenzjoni tat-tank tal-ilma u l-aerial tat-televixin skont kif deskritt fl-atti tan-Nutar Dott. Carmel Mangion datat id-disgħa ta' Ġunju, tas-sena elf, disa' mija, u disgħa u disgħin (9.6.1999), liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, u jikkonfina mit-Tramuntana ma' Triq it-Turisti u mil-Lvant ma' Triq il-Maskri u li bħalissa jinsab abitat minn terzi u stmat li jiswa erba' mija u għaxart elef ewro (€410,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Bonello Edric Dott. (KI 271799M) u Bonello Ann (KI 316068M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 23/2023.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 24 ta' Marzu, 2026.

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The tenement in a block of apartments named Block C, Manor Court, internally marked as Flat one letter C (1C), in Triq it-Turisti, in Qawra, limits of Saint Paul's Bay, forming part of a building complex, belonging to third parties, which incorporates several blocks of apartments, shops and underlying garages, all adjacent, consisting of garages in the basement level and shops overlying the ground floor and overlying apartments, and which apartment is situated on the first floor level of the same block, with the main door of the common area with direct access from the same street, and which includes the use of the common parts of the block, including its entrance and its corridor, the stairs and the staircase, the landings, the shaft, the lift, excluding the roof together with the servitudes of the internal yards, the front door, the drainage, and the water and rain collection system, and enjoys the right for the owner to install a water tank and an aerial and/or antenna on the penthouse roof. The drainage, and the water and rain collection system are common to the entire block and pass through the underlying properties and enjoys the right of access to the same systems in reasonable hours, for repairs and maintenance purposes of the same, and is subject to and enjoys from other servitudes resulting from its position. The tenement does not include its airspace however the owners have access to the maintenance of the water tank and television aerial as described in the acts of Notary Doctor Carmel Mangion dated ninth of June, of the year nineteen hundred and ninety nine (9.6.1999), free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, and is bounded north with Triq it-Turisti and from the east with Triq il-Maskri, and which is currently inhabited by third parties, and is valued at four hundred and ten thousand euro (€410,000).

The said tenement is the property of Bonello Edric Doctor (ID 271799M) and Bonello Ann (ID 316068M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 23/2023.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 24th March, 2026.

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

835

B'digriet tas-17 ta' Marzu, 2026, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12):

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-27 ta' Novembru, 2025, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C2833) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 23 ta' April, 2026, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu

By a decree given on the 17th March, 2026, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12):

By decree given by the Civil Court, First Hall, on 27th November, 2025, on the application of Bank of Valletta plc C2833, Thursday, 23rd April, 2026, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction,

jsir f'Kamra numru 78 Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-garaxx internament immarkat bin-numru erbgħa u erbgħin (44) li jinsab fil-'lower basement', ċoè livell wieħed (1), formanti parti minn blokk ta' basement garages, mingħajr numru uffiċjali, liema basement garages huma maqsuma fuq żewġ livelli, sottostanti proprjetà ta' Manor Investments Limited jew is-suċċessuri tagħha fit-titlu u formanti parti mill-kumpless mingħajr numru uffiċjali, magħruf bħala 'Manor Court', fil-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar u jikkonfina mit-Tramuntana ma' Triq it-Turisti, mil-Lvant ma' Triq Għawdex u mill-Punent ma' triq ġdida mingħajr isem li tagħti fuq Triq it-Turisti. Il-garaxx għandu l-aċċess perpetwu, ininterrot u garantit mid-drive in bla numru uffiċjali li tagħti għal Triq il-Maskli u Triq it-Turisti, huma suġġett għas-servitujiet eżistenti rizultanti mill-pożizzjoni tiegħu u huwa mingħajr l-arja u dana kif ġie deskritt fl-atti tan-Nutar Dott. Carmel Mangion datat il-ħmistax ta' Settembru tas-sena elfejn (15/9/2000), stmat li jiswa sittin elf ewro (€60,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Dott. Edric Bonello (KI 271799M) u Ann Bonello (KI 316068M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 24/2023.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 24 ta' Marzu, 2026

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

to be held on Room number 78, nearby the Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The garage internally numbered number forty four (44) situated in the lower basement, i.e. level one (1) forming part of a block of basement garages, unnumbered officially, which basement garages are split over two levels, underlying property of Manor Investments Limited or its successors in title and forming part of an unnumbered officially complex, known as 'Manor Court', in Qawra limits of St Paul's Bay and bounded on the north by Triq it-Turisti, on the East by Triq Għawdex and on the west by unnamed new street that abuts onto Triq it-Turisti. The garage has perpetual, uninterrupted and guaranteed access from an unnumbered officially drive in, that abuts in Triq il-Maskli and Triq it-Turisti, is subject to existing servitudes resulting from its position and without its airspace and this as described in the acts of Notary Carmel Mangion dated the fifteenth of September of the year two thousand (15/9/2000), valued at sixty thousand euro (€60,000).

The said tenement is the property of Dr Edric Bonello (ID 271799M) and Ann Bonello (ID316068M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 24/2023.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 24th March, 2026

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

836

Permezz tad-digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fl-10 ta' Marzu, 2026, fl-Atti tar-Rikors numru 1073/2025GG fl-ismijiet Hermann Zammit (KI 305466M) bħala mandatarju speċjali ta' Michael Denis Newton u Paul Howard Newton et vs Joseph Camenzuli (KI 205963M) u martu Alexandra sive Sandra Camenzuli (KI 294665M), ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Joseph Camenzuli u Alexandra sive Sandra Camenzuli a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 1073/2025GG ippreżentat fis-26 ta' Jannar, 2026, fl-ismijiet premessi, l-esponent appellant Hermann Zammit ħass ruħu aggravat mis-sentenza datata fit-23 ta' Jannar, 2026 , mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn laqgħet it-talba tal-konjuġi Camenzuli u ordnat ir-revoka tal-mandat inkwistjoni filwaqt li ċaħdet it-talba tagħhom għal kundanna tal-esponent nomine għal ħlas

By means of a decree delivered on the 10th of March, 2026, by the Court of Appeal (Superior Jurisdiction) in the records of Application number 1073/2025GG in the names Hermann Zammit (ID 305466M) as special mandatary of Michael Denis Newton and Paul Howard Newton et vs Joseph Camenzuli (ID 205963M) and his wife Alexandra sive Sandra Camenzuli (ID 294665M), the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Joseph Camenzuli and Alexandra sive Sandra Camenzuli in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

By means of the Appeal Application number 1073/2025GG filed on the 26th of January, 2026, in the names premised, the appellant Hermann Zammit felt aggrieved by the judgment dated 23rd January, 2026, by the First Hall Civil Court whereby it upheld the demand of the spouses Camenzuli and ordered the revocation of the warrant in question whilst rejecting their demand for a

tad-danni u penali u għalhekk qed jinterponi dan l-umli appell quddiem din l-Onorabbli Qorti abbażi ta' dawn l-aggravji:

1. Illi fl-ewwel lok l-esponent nomine jissottometti li d-digriet mogħti fit-23 ta' Jannar, 2026, għandu jiġi ritenut bħala null u bla effett stante li jmur kontra d-dettami stipulati fil-liġi proċedurali nostrana;

2. Illi jiġi rimarkat illi l-odjerna proċedura kellha ssegwi ċertu tempistika ta' żmien, il-preżenti proċeduri ma setgħux jiġu deċiżi lil hinn minn tali żmien ta' xahar (terminu li skada fl-20 ta' Novembru, 2025);

3. Deċiżjoni li altrimenti tkun kontra l-volontà tal-Liġi u ma tistax tiġi adottata jew imħaddma xi prassi proċesswali diversa mill-kelma tassattiva tal-Leġiżlatur;

4. Illi l-Ewwel Qorti marret kontra l-ġurisprudenza assodata meta rriteniet li fis-sentenza mogħtija fit-13 ta' Jannar, 2014, ma tissemma ebda kundanna għal ħlas ta' imgħax.

Għaldaqstant, l-esponent nomine, umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, jekk tilqa' l-ewwel aggravju, tħassar id-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Jannar, 2026; jew, jekk tilqa' t-tieni aggravju, tirriforma l-istess deċiżjoni billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn laqgħet it-talba għar-revoka tal-mandat filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ċaħdet it-talba tar-rikorrenti għal kundanna tal-esponent nomine għal ħlas tad-danni u penali.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi għar-rikorrenti appellati.

Notifika: Joseph Camenzuli, 20, Little Wood, Flat 2, Triq Santa Tereża, Ħal Għaxaq
Alexandra sive Sandra Camenzuli, 20, Little Wood, Flat 2, Triq Santa Tereża, Ħal Għaxaq

Ir-Rikors numru 1073/2025GG fl-ismijiet premessi jinsab iddifferit għat-28 ta' April, 2026, jissejjaħ fid-8.45 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 23 ta' Marzu, 2026

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

condemnation of the exponent nomine for the payment of damages and penalties and is therefore filing this appeal before this Honourable Court on the basis of these grounds:

1. In the first place the exponent nomine submits that the decree given on the 23rd January, 2026, should be declared null and without effect since it goes against the dictates stipulated in our procedural law;

2. It is pointed out that the present procedure had to follow a certain timeline, the present procedures could not be decided beyond such time limit of one month (a term which expired on the 20th of November, 2025);

3. A decision would otherwise be contrary to the will of the Law and a procedural practice other than the mandatory wording of the legislator cannot be adopted or applied;

4. The Court of First Instance ignored the established jurisprudence when it held that in the judgment given on the 13th January of, 2014, no condemnation for the payment of interest is mentioned.

Therefore, the appellant nomine respectfully requests that this Honourable Court, if it upholds the first ground of appeal, revokes the decision given by the First Hall Civil Court on the 23rd January of 2026; or, if it upholds the second ground, reform the same decision by revoking it in that part where it upheld the request for revocation of the warrant whilst confirming it in that part where it dismissed the applicant's request for a condemnation of the appellant nomine for damages and penalties.

With costs of both instances against the respondents.

Notification: Joseph Camenzuli, 20, Little wood, Flat 2, Triq Santa Tereża, Ħal Għaxaq
Alexandra sive Sandra Camenzuli, 20, Little wood, Flat 2, Triq Santa Tereża, Ħal Għaxaq

Appeal Application number 1073/2025GG in the premised names has been deferred to the 28th April, 2026, sitting at 8.45 a.m.

Registry of the Superior Courts (Appeals), this day 23rd March, 2026

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

837

Permezz tad-digriet mogħti, mill-Qorti Kostituzzjonali, fl-20 ta' Frar, 2026, fl-Atti tar-Rikors numru 104/2020, fl-ismijiet Joseph Emanuel Galea (KI 31182M) f'ismu personalment u għan-nom u rappreżentanza tas-soċjetà'

By means of a decree delivered by the Constitutional Court, on the 20th February, 2026, in the records of Application number 104/2020, in the names Joseph Emanuel Galea (ID 31182M) in his own name and on behalf and

Freeways Logistics Limited (C47875) vs: 1) Il-Ministru tal-Finanzi; 2) Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tad-Dwana; 3) Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u l-Proġett Kapitali; 4) l-Awtorità għat-Trasport f'Malta; 5) Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali; u 6) l-Avukat tal-Istat, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tar-rikorrenti Joseph Emanuel Galea u s-soċjetà Freeway Logistics Limited, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 104/2020 ippreżentata 12 ta' Frar, 2025, fl-ismijiet premessi, l-esponenti Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ħassu aggravat mis-sentenza datata 23 ta' Jannar, 2025, mill-ewwel qorti, fejn qatgħet u ddeċidiet il-kawża billi lliberat lill-intimati kollha ħlief għad-Direttur Ġenerali, Dipartiment tad-Dwana, billi laqgħet l-ewwel talba fil-konfront tad-Direttur Ġenerali, Dipartiment tad-Dwana, billi laqgħet it-tieni talba u llikwidat is-somma ta' €40,000 bħala kumpens pekunjarju u nonpekunjarju u kkundannat lill-imsemmi Direttur Ġeneral, Dipartiment tad-Dwana, iħallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata bl-imgħaxijiet legali. U għalhekk qed jinterponi dan l-umli appell quddiem din l-Onorabbli Qorti abbażi ta' dawn l-aggravji:

1. Illi l-Qorti kienet żbaljata meta b'sentenza parzjali tat-22 ta' Marzu, 2022, warrbet l-eċċezzjoni tal-esponent dwar l-eżawriment tar-rimedju ordinarju;

2. Illi sejset il-kunsiderazzjonijiet tagħha li wassluha għad-deċiżjoni aħħarija fuq premessi ħżiena;

3. Illi qieset kwistjonijiet li ma kinux qegħdin jilmentaw minnhom ir-rikorrenti;

4. Skartat l-iskop wara l-policy viġenti;

5. Illi ma kellha tinstab l-ebda leżjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

6. Illi ma kellhiex tinstab leżjoni tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni;

7. Illi ma kellu jkun illikwidat l-ebda kumpens jew fl-agħar ipoteżi kellu jingħata kumpens f'ammont iżgħar minn dak li ġie akkordat;

8. Illi l-esponent Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana fi kwalunkwe każ m'għandu l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' dak iċċensurat mill-Ewwel Qorti.

Għaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

representation of the company Freeways Logistics Limited (C47875) vs: 1) the Minister of Finance; 2) Director General of the Customs Department; 3) Ministry for Transport, Infrastructure and Capital Projects; 4) the Authority for Transport in Malta; 5) Permanent Secretary within the Ministry for Transport, Infrastructure and Capital Projects; and 6) the State Advocate, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the applicant Joseph Emanuel Galea and the company Freeway Logistics Limited, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Whereas in Appeal Application number 104/2020 filed on the 12th of February, 2025, in the names premised, the appellant Commissioner for Tax and Customs felt aggrieved by the judgment dated 23rd January, 2025, by the first court, whereby it decided the case by non suiting all the respondents except for the Director General, Customs Department, whereas it upheld the first demand against the Director General, Customs Department, by upholding the second demand by liquidating the sum of €40,000 as pecuniary and non-pecuniary compensation and condemning the said Director General, Customs Department, to pay the applicant the sum so liquidated with legal interest. And thus he is filing this humble appeal before this Honourable Court on these grounds:

1. The Court erred when by a partial judgement of the 22nd March, 2022, it dismissed the plea of the exponent regarding the exhaustion of the ordinary remedy;

2. It based its considerations leading it to the final decision on incorrect premises;

3. It considered matters about which the applicants were not complaining;

4. it discarded the scope of the policy in force;

5. No breaches should have been found of Article 37 of the Constitution and of Article 1 of the First Protocol to the Convention;

6. A breach of Article 14 of the Convention should not have been found;

7. No compensation should have been liquidated or at the most, compensation should have been awarded in an amount smaller than that granted;

8. The applicant Commissioner for Tax and Customs in any case has no responsibility as regards what has beem censured by the Court of First Instance.

Therefore, the applicant humbly requests this Honourable Court so that it:

1. Tirriforma s-sentenza appellata billi tilqa' t-tmien aggravju tal-esponent u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Tħassar u tirrevoka s-sentenza fil-konfront tal-appellant Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana;

3. Tħassar u tirrevoka s-sentenza parzjali tal-ewwel Onorabbli Qorti tat-22 ta' Marzu, 2022, u b'konsegwenza tħassar u tirrevoka s-sentenza tat-23 ta' Jannar, 2025, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet rikorrenti;

4. Tirriforma s-sentenza appellata billi tnaqqas il-kumpens akkordat mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

Notifika: Joseph Emanuel Galea u Freeways Logistics Limited, 18, Triq il-Gambli Ramlet il-Qortin, Il-Mellieħa

Ir-Rikors tal-Appell Kostituzzjonali numru 104/2020 fl-ismijiet premessi jinsab iddifferit għall-20 ta' April, 2026, jissejjaħ fid-8.50 a.m.

Reġistru tal-Qorti Kostituzzjonali, illum 10 ta' Marzu, 2026

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1. reforms the appealed judgment by upholding the eighth ground of appeal by the exponent and non-suiting him;

2. cancels and revokes the judgment against the appellant Commissioner for Revenue and Customs;

3. cancels and revokes the partial judgment of the Honourable First Court of the 22nd March, 2022, and consequently cancels and revokes the judgment of the 23rd January, 2025, and abstains from taking cognizance of the exponent's demands;

4. reforms the appealed judgment by reducing the compensation granted by the Honourable First Court.

Notification: Joseph Emanuel Galea u Freeways Logistics Limited, 18, Triq il-Gambli Ramlet il-Qortin, Mellieħa

Constitutional Application number 104/2020 has been deferred to the 20th April, 2026, sitting at 8:50 a.m.

Registry of the Constitutional Court, this day 10th March, 2026

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

838

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-29 ta' Jannar, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1005/2025AD, fl-ismijiet: Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs WF Services Limited, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs WF Services Limited (C66487) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-20 ta' Marzu, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna n-notifika ta' dan ir-rikors u tad-dokumenti annessi lis-soċjetà intimata skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 1005/2025AD fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-26 ta' Mejju, 2026, fid-9.05 a.m.

Notifika Intimat: WF Services Limited (C66487), Suite 10, 189, Marina Suites, Triq il-Marina, Tal-Pietà

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 29th January, 2026, in the records of the Sworn application number 1005/2025AD, in the names: Commissioner of Revenue and Customs vs WF services Limited, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Commissioner for Revenue and Customs vs WF services Limited (C66487) filed in the Civil Court First Hall on the 20th March, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Orders the service of this application and the documents annexed to the respondent company according to the relevant provisions of Cap. 12 of the Laws of Malta.

With all costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn application number 1005/2025AD in the names mentioned above is postponed to the 26th May, 2026, at 9.05 a.m.

Notification respondent: WF services Limited (C66487), Suite 10, 189, Marina Suites, Triq il-Marina, Tal-Pietà

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' Marzu, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, this 25th March, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

839

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-26 ta' Frar, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 41/2026FDP, fl-ismijiet: Andrew Vassallo General Trading Limited vs Prestige Hospitality Limited, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 26th February, 2026, in the records of the Sworn Application number 41/2026FDP, in the names: Andrew Vassallo General trading Limited vs Prestige hospitality Limited, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Andrew Vassallo General Trading Limited (C45790) vs Prestige Hospitality Limited (C83421) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-19 ta' Jannar, 2026, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

By means of an application in the names: Andrew Vassallo General trading Limited (C45790) vs Prestige hospitality Limited (C83421) filed in the Civil Court, First Hall, on the 19th January, 2026, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Tiddeċiedi skont it-talbiet bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża a tenur tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1. Decide according to the demands without proceeding to a hearing of the cause in terms of Articles 167 et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta;

2. Konsegwentement, tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-esponenti s-somma ta' ħamsa u ħamsin elf, disa' mija u sitta u ħamsin ewro (€55,956) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' diversi xogħlijiet u installazzjonijiet magħmula jew mogħtija mill-esponenti lill-konvenuta kollox fuq struzzjonijiet tagħha.

2. Consequently, condemn the defendant to pay the applicant the sum of fifty five thousand, nine hundred and fifty six euro (€55,956) representing balance of price of various works and installations made or given by the applicant to the defendant everything on its instructions.

Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali kollha kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

With all costs and legal interests against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 41/2026FDP fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-12 ta' Mejju, 2026, fid-9.30 a.m.

The Sworn application number 41/2026FDP in the names mentioned above is postponed to 12th May, 2026, at 9.30 a.m.

Notifika Intimat: Prestige Hospitality Limited (C83421), Flat 1, Block 70, Triq Gafar, Tas-Sliema

Notification respondent: Prestige hospitality Limited (C83421), Flat 1, Block 70, Triq Gafar, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' Marzu, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, this 25th March, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

840

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-3 ta' Frar, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1198/2025AD, fl-ismijiet: Adventure Camping and Leasure Limited vs Melvin Vella, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 3rd February, 2026, in the records of the Sworn application number 1198/2025AD, in the names: Adventure camping and leisure Limited vs Melvin Vella, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Adventure Camping and Leasure Limited (C15489) vs Melvin Vella (363479M) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-21 ta' Novembru, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara l-kirja xolta u terminata;

2. Tordna l-iżgumbrament tal-intimat mill-imsemmi sit fi żmien qasir u perentorju li jiġi hekk lilu prefiss;

3. Tikkundanna lill-intimat jħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' erbat elef, mija u erbgħa u tmenin ewro (€4,148) rappreżentanti arretrati ta' kera, spejjeż tal-komun u użu ta' servizzi;

4. Tikkundanna lill-intimat iħallas il-penali ta' tletin ewro għal kull ġurnata li huwa jibqa' juża s-sit u dan mid-data ta' ittra uffiċjali numru 1688/2025 datata l-11 ta' April, 2025;

Bl-ispejjeż u l-interessi kollha kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 1198/2025AD fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-12 ta' Mejju, 2026, fid-9.20 a.m.

Notifika Intimat: Melvin Vella (363479M), Salvu, Sec B, Triq ir-Ramla tat-Torri l-Abjad, l-Aħrax limiti tal-Mellieħa

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' Marzu, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application in the names: Adventure camping and leisure Limited (C15489) vs Melvin Vella (363479M) filed in the Civil Court, First Hall, on the 21st November, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare the lease dissolved and terminated;

2. Order the eviction of the respondent from the said site within a short and peremptory period that shall be fixed to him;

3. Condemn the respondent to pay the applicant company the sum of four thousand, one hundred and eighty four euro (€4,148) representing arrears of rent, common costs and use of services;

4. Condemn the respondent to pay the penalty of thirty euro for every day he continues to use the site and this from the date of judicial letter number 1688/2025 dated 11th April, 2025;

With all costs and interests against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn application number 1198/2025AD in the names mentioned above is postponed to 12th May, 2026, at 9.20 a.m.

Notification respondent: Melvin Vella (363479M), Salvu, Sec B, Triq ir-Ramla tat-Torri l-Abjad, Aħrax l/o Mellieħa

Registry of the Superior Courts, this 25th March, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

841

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-24 ta' Frar, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1330/2025AJD, fl-ismijiet: Innocent sive Vincent Farrugia vs Kurt Buhagiar, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Innocent sive Vincent Farrugia (286852M) vs Kurt Buhagiar ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-31 ta' Diċembru, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara li l-intimat għandu jħallas lill-esponenti s-somma ta' wieħed u erbgħin elf u tliet mitt ewro (€41,300), inkluża l-VAT, rappreżentanti l-prezz ta' depożitu ossija rimi ta' materjal inert f'backfilling site proprjetà tal-

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 24th February, 2026, in the records of the Sworn application number 1330/2025AJD, in the names: Innocent sive Vincent Farrugia vs Kurt Buhagiar, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Innocent sive Vincent Farrugia (286852M) vs Kurt Buhagiar filed in the Civil Court, First Hall, on the 31st December, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Decide and declare that the respondent is to pay the applicant the sum of forty one thousand and three hundred euro (€41,300), including VAT, representing the price of deposit or rather disposal of inert material at a backfilling

esponenti li tinsab f'barriera debitament liċenzjata għal dak l-iskop imsejħa Quarry 49, Triq it-Torri Vincenti, L-Imqabba;

2. Tordna u tikkundanna lill-intimat iħallas lill-esponenti s-somma ta' wieħed u erbgħin elf u tliet mitt ewro (€41,300), inkluża l-VAT.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kollha kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni

Ir-Rikors Ġuramentat numru 1330/2025AJD fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-7 ta' Mejju, 2026, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Kurt Buhagiar, 143, DH 1, Athena's Place, Triq San Anton Abbati, Il-Mosta

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' Marzu, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

site property of the applicant which is in a quarry duly licensed for that purpose called Quarry 49, Triq it-Torri Vincenti, Mqabba;

2. Order and condemn the respondent to pay the applicant the sum of forty one thousand and three hundred euro (€41,300), including VAT.

With costs and legal interest against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made

The Sworn application number 1330/2025AJD in the names mentioned above is postponed to 7th May, 2026, at 9.00 a.m.

Notification respondent: Kurt Buhagiar, 143, DH 1, Athena's Place, Triq San Anton Abbati, Mosta

Registry of the Superior Courts, this 25th March, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

842

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-31 ta' Ottubru, 2025, fuq rikors ta' BNF Bank plc ġja Banif Bank (Malta) plc (C41030) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 14 ta' April, 2026, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant f'Kamra numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-maisonette li jinsab fil-livell terran aċċessibbli minn entrata privata bl-isem 'Bellisima', bin-numru mija u tlettax (113) u li jinsab fuq in-naħa tal-lemin tal-bieb komuni tal-blokka bl-isem 'Delphinium', bin-numru mija u ħdax (111) fi Triq Santa Margerita, Is-Siġġiewi, u huwa sottopost għall-proprjetà ta' terzi u jgawdi d-drittijiet attivi u hu suġġett għas-servitù favur terzi li jirriżulta mill-pożizzjoni tiegħu, li jinkludi twieqi ta' terzi li jħarsu għal fuq il-bitħa li jiffurmaw parti mit-terran numru mija u tlettax (113) u l-passaġġ ta' servizzi ta' terzi mill-istess bitħa, kif ukoll suġġett għal ċens annwu u perpetwu ta' mija u sittax-il ewro (€116.00), rivedibbli kull ħmistax-il sena (15) skont l-indiċi tal-inflazzjoni u li jista' jinfeda fi kwalunkwe ħin qabel ir-reviżjoni tiegħu, skont rata ta' ħamsa fil-mija (5%) fuq l-istess ċens.

Il-maisonette m'għandu ebda drittijiet fuq il-komun tal-blokka 'Delphinium', minbarra li jinżamm tank ta' ħames mitt litru ilma (500ml) u 'satellite dish' fuq il-bejt tal-blokka u bid-dritt għal aċċess għal dawk is-servizzi li huma għall-iskop ta' manutenzjoni tagħhom biss, kif ukoll sid

By decree given by the Civil Court, First Hall, on 31st October, 2025, on the application of BNF Bank plc ġja Banif Bank (Malta) plc (C41030), Tuesday, 14th April, 2026, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room number 78, nearby the Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The maisonette situated on the ground floor level accessible by a private entrance named 'Bellisima', numbered one hundred and thirteen (113) and situated on the right side of the common entrance door of the block named 'Delphinium, numbered one hundred and eleven (111) in Triq Santa Margertia, Siġġiewi, and its underlying third parties property and enjoys active rights and is subject to servitudes in favour of third parties resulting from its position, including third party windows overlooking the courtyards forming part of the ground floor maisonette numbered one hundred and thirteen (113) and third party service passage through the same courtyards, and also is subject to annual and perpetual ground rent of one hundred and sixteen euro (€116.00), revisable every fifteen years (15) according to the inflation index and which may be redeemed in any time before its revision, by at a rate of five percent (5%) on the said ground rent.

The maisonette has no rights over the common area of the block Delphinium', apart from keeping five hundred litre (500ml) water tank and satellite dish on the roof of the block and with the right to access those services that are for purpose of their maintenance only, as well as the owner of

il-maisonette flimkien mas-sidien l-oħra tal-blokka, huwa marbut jikkontribwixxi għall-manutenzjoni tal-bejt u tal-faċċata tal-istess blokka u dana hekk kif deskritt aħjar fl-atti tan-Nutar Dott. Philip Lanfranco fis-sbatax ta' April tas-sena elfejn u tlettax (17.4.2013) u stmat li jiswa tliet mija, erbgħa u ħamsin elf ewro (€354,000).

Il-blokka fejn jinsab il-maisonette hawn fuq imsemmi tikkonfina ma' Triq Santa Margerita fil-Majjistral, fil-Lbiċ ma' ħanut tal-ħaxix fil-livell tat-triq u appartamenti li jiffurmaw parti minn żvilupp intern jismu 'The Oaks', fil-livelli ta' fuq il-ħanut, fix-Xlokk ma' btieħi tal-istess blokka li tifforma parti minn kumpless residenzjali intern bl-isem 'The Oaks' (mingħajr faċċata għal fuq triq skedata u liema kumpless jinfed minn Triq Ramija u minn Triq Pawlu VI) u fil-Grigal ma' blokka residenzjali ta' terzi bl-isem 'Icaria'.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Stephen Galea (KI 274870M) f'ismu propju kif ukoll bħala kuratur ta' martu l-mejta Mary Galea (KI 247673M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 21/2025.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 23 ta' Marzu, 2026

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the maisonette together with the other owners of the block is bound to contribute to the maintenance of the roof and the facade of the said block and this as better described in the acts of Notary Philip Lanfranco dated the seventeenth of April of the year two thousand and thirteen (17.4.2013) and valued at three hundred thousand and fifty four euro (€354,000).

The block where the above mentioned maisonette is bounded by Triq Santa Margerita on the northwest, on the southwest by a greengrocer's shop at street level and apartments forming part of internal development named 'The Oaks', at the overlying levels of the shop, on the southeast by the courtyards of the same block which forms part from a residential complex named 'The Oaks' (without a frontage onto a scheduled street and which complex is accessed by Triq Ramija and by Triq Pawlu VI) and on the northeast by third parties residential block named 'Icaria'.

The said tenement is the property of Stephen Galea (ID274870M) in his own personal capacity, as well as a curator of his late wife Mary Galea (ID 247673M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 21/2025.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 23rd March, 2026

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

843

ARB/C021/2026 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fid-29 ta' Jannar, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (il-Maġistrat Dott. Abigail Critien, LLD). Kumpilazzjoni Numru 104/2026, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

LUIS VOGT, self-employed, 28 years, iben Ugo Vogt u Cornelia Vogt, imwieled il-Ġermaja fl-1 ta' Mejju, 1997, u resident f''The Core Residences', Block B, Flat 8, Triq Pietru Xuereb, Tal-Pietà, Malta, u detentur ta' karta tal-identità' Maltija bin-numru 468530A u b'indirizz reġistrat f'101, Flat 5, Triq il-Flotta, Il-Gżira, Malta.

Il-Qorti ORDNAT iż-żamma u s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' LUIS VOGT u tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, jagħti b'raħan,

ARB/C021/2026 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 29th January, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Abigail Critien, LLD). Compilation Number 104/2026, in the case:

The Republic of Malta

Versus

LUIS VOGT, self-employed, 28 years, son of Ugo Vogt and Cornelia Vogt, born in Germany on the 1st May 1997, and residing at 'The Core Residences', Block B, Flat 8, Triq Pietru Xuereb, Tal-Pietà, Malta, and holder of Maltese identity card bearing number 468530A with registered address at 101, Flat 5, Triq il-Flotta, Gżira, Malta.

The Court ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to LUIS VOGT and prohibits the accused from transferring, pledging,

iwiegħed, jipoteka jew jibdel jew xort'oħra jiddisponi minn kwalunkwe propjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnu, u dan ai termini tal-Artikolu 22A, tal-Ordinanza dwar il Mediċini Perikoluži tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, u ai termini l-Artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal Liġijiet ta' Malta u tal- Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat li jirċievi l-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 5, fl-Artikolu 36, fl-Artikolu 23A u fl-Artikolu 22A, tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 24 ta' Marzu, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

hypothecating or otherwise changing or disposing of any immovable or movable property owned or otherwise held by him, and this in terms of Article 22A, Cap. 101 of the Dangerous Drugs Ordinance Act and Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta, Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta and Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year.

Any person who acts in contravention of the Court order mentioned in Article 5, Article 36 Article 23A and Article 22A, referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand, six hundred and forty-six Euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 24th March, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

844

ARB/C028/2026 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-20 ta' Marzu, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Tanya Sammut, LLD), Kumpilazzjoni Numru 1908/2026, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

IAN ZAMMIT, ma jaħdimx, ta' 36 sena, iben Christopher Zammit u Joan Zammit née Giordimaina, imwieled Tal-Pietà, Malta, fit-23 ta' April, 1989, u residenti f''Susannah Court, Flat 2, Triq il-Bħajra, Iż-Żejtun, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 227489M.

Il-Qorti ORDNAT is-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' IAN ZAMMIT u pprojbiethu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra

ARB/C028/2026 – SEIZING AND FREEZING ORDER

